# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tad-Distrett: Naxxar

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mallia)

Vs

Lara Vella Ciantar

Illum, 12 ta' Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra **Lara Vella Ciantar**, 41 sena, bint Vincent Vella u Maria Rosaria nee' Polidano mwielda Pieta' fis-27/03/1981 u residenti gewwa 12, 'Emma' Triejqet ir-Rumanzieri, Iklin, detentrici tal-karta tal-identita' numru 206181M akkuzata talli fix-xahar ta' Jannar 2023 u x-xhur ta' qabel, waqt li kont qieghed fir-residenza numru 12 ' Emma', Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt l-awtorita' tieghek innifsek lil Emanuel Ciantar u Jonathan Ciantar ihallsu dejn jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Emanuel Ciantar, Jane Ciantar u Jonathan Ciantar fil-pussess ta' hwejjeighom b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024, Emanuel Ciantar, Jane Ciantar u Jonathan Ciantar qed jikkostitwixxu ruhom bhala *parte civile* f' din il-kawza.

Rat l-affidavit ta' PS 1154 C. Sciberras ezebit mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Emanuel Ciantar li ezebixxa Dok A kwerela u Dok B kuntratt ; tan-Nutar Dr Antonella Navarro fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023; ta' Emanuel Ciantar; ta' Jane Ciantar; ta' Jonathan Ciantar fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024; semghet ix-xhieda bil-gurament ta' l-imputata Lara Vella Ciantar fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024 l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u iddikjarat li mhux ser tinsisti fuq ix-xhieda ulterjuri ta' Jane Ciantar u d-difiza ma ghandiex bzonn taghmel kontro-ezami.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Provi prodotti mill-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PS 1154 C. Sciberras**. Nhar is-16 ta' Jannar, 2023 Emanuel Ciantar, Jane Ciantar u binhom Jonathan Ciantar irraportaw fuq kwerela li ntbghatek kontra Lara Vella Ciantar mill-avukat Jason Grima fuq 'pretended rights'.

Emanuel u Jane stqarrew li Lara hija armla ta' binhom Daniel Ciantar u bhalissa ghandha l-fond 12, Emma. Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin. Emanuel u Jane stqarrew li dan il-fond kien taghhom pero' ghaddew terz (1/3) ta' dan il-fond lil binhom Daniel, bil-patt u kundizzjoni li jibqa' jkollhom l-uzufrutt ta' dan il-fond, fuq kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Antonella Navarro. F' Ottubru 2021 binhom miet f' dan il-fond u infethet inkjesta magisterjali. Il-kwerelanti stqarrew li l-ahhar li dahlu fil-fond kien fis-17 ta' Ottubru 2021 peress li ghaddew ic-cwievet ta' din id-dar lil Pulizija. Stqarrew li meta tlestiet l-inkjesta ghal habta ta' Frar 2022, Lara nghatat dak kollu li kien

ingabar fl-inkjesta. Sqarrew li  li ghal habta ta' Gunju 2022, Lara biddlet is-serratura w sakret l-access ghal ilma ta' dan il-post u bdiet iggorr xi ghamara, izda ma jafux fejn ittiehdet l-ghamara.

Gie mitkellem ukoll Jonathan Ciantar fejn stqarr li Lara zammet zewgt telephones cellulari ta' l-ghamla Samsung wiehed minnhom kien tax-xoghol taghhom peress li jahdmu flimkien u l-iehor kien xtrah Jonathan u sellfu lil Daniel. Jonathan stqarr ukoll li kellu xi flus tal-kumpanija li kienu fil-kont ta' Daniel, izda dawn inzammu minn Lara peress li huwa stqarr li l-Qorti ghaddiet kollox lil Lara.

PS 1154 bghat ghal Lara fejn gie spjegat lilha fuq xiex inhu r-rapport u hi ipproduciet il-kuntratt tax-xiri.

L-ispettur bghatat ghal Lara biex terga' tkellimha fuq dan ir-rapport u hi inghatat id-dritt li tikkunsulta ma' l-avukat ta' l-ghazla taghha fejn hi ghazlet li tikkonsulta ma' l-Avukat Dr Mark Simiana u ghazlet li tibqa' siekta.

**Emanuel Ciantar**, xehed fis-seduti tal-5 ta' Dicembru, 2023 u tal-21 ta' Marzu, 2024.  Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023 jaghraf l-imputata li l-eks mara tat-tifel. Ghamlu r-rapport ghax meta miet ibnu l-pulizija hadu c-cwievet u ma kellhomx access biex jihdlu. Hu kien jorqod ma ibnu u kellu xi affarijiet hemm.

Mistoqsi ghalfejn kellu access hemm jirrispondi

*"Ghax jien kont qieghed meta t-tifel spicca wahdu minn Mejju sa Ottubru, jiena kont immur norqod mieghu filghaxija biex ma nhalluhx wahdu."*

It-tifel kien spicca wahdu ghaliex il-mara telqet mid-dar.

Fuq r-rapport jixhed

*"wara li miet it-tifel tieghi s-sinjorina bidlet ic-cwievet u iktar u iktar ma kellniex access nidhlu ghax qabel haduhom il-pulizija c-cwievet u talli bidlet hi ma tatniex allura ahna spiccajna bla cwievet xejn sa jiena kont immur issaqilhom il-pjanti ghalqu l-ilma ghamlu katnazz fil-pjanti ghalqu l-letter box ukoll. . . . imma bqajna b' xejn uu ma hadniex cwievet u bies ahna nkunu nistghu nidhlu anki ingibu l-affarijiet li kellu li kellu t-tifel tieghi l-iehor  . . . "*

Fuq it-tibdil tas-serratura jirrispondi "*mela ha naghmilha cara mela jiena u l-mara konna hergin u rajna lilha u lil missierha jbiddlu s-serratura"*

Emanuel Ciantar fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024 xehed li wara li ghaddew ic-cwievet lil Pulizija l-post baqa' maghluq ghax hu u l-mara ma kellhomx cwievet ghaliex l-imputata hadithom hi. Wara li taw ic-cwievet lil pulzija raw lil imputata u l-genituri taghha jidhlu kemm il-darba go dan il-post.

In kontro-ezami jikkonferma li hu cwievet ma ghandux. Hu kien hiereg minn god-dar tieghu meta rahom ibiddlu s-serratura. Id-dar tieghu tinstab faccata. Meta rahom ma marx ikkellimhom. Lil imputata ilu ma jkellimha minn Mejju meta telqet lit-tifel.

**In-Nutar Dr Antonella Navarro** xehedhet fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023. Tikkonferma l-kuntratt pubbliku ezebit (Dok B). Kuntratt datat 22 ta' April, 2014 pubblikat fl-atti tan-nutar Dr Antonella Navarro fejn Giovanna sive Jane Ciantar tat donazzjoni lil Daniel Ciantar ta' 1/3 indiviz ta' dar 12, Emma, Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin. Giovanna sive Jane Ciantar irriservat a favur taghha d-dritt ta' uzu u t' uzufrutt u / jew dirtt ta' abitazzjoni favuriha u favur zewgha Emanuel Ciantar li jistghu jolqtu l-istess propjeta' transferita fuq dan l-att.

**Jane Ciantar** xehedet fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. Taghraf lil imputata. Tixhed li huma marru jaghmlu r-rapport ghaliex rawhom ibiddlu s-serratura ta' barra tad-dar faccata taghna li kien ukoll jghix fiha t-tifel. Ir-rapport ghamluh ghax ghandhom id-dritt ghall-uzufrutt fil-propjeta' skont kuntratt ta' donazzjoni li ghamlet lit-tifel. Fuq ic-cwievet tal-post dawn kienu gabruhom il-pulizija meta miet Daniel. Ic-cwievet ma gabruhomx minn ghandha.

**Jonathan Ciantar** xehed fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. Lil imputata jafha ghaliex kienet l-ex mara ta' huh, Daniel Ciantar. Huh kien qed jghix fil-propjeta' 'Emma', Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin. Wara li telqet il-mara mid-dar misseru, Emanuel Ciantar, beda' jghix mieghu.

Ic-cwievet kienu gabruhom il-pulizija ghax qalulhom li jridu jigbru kollox. Hu, ommu Jane u missieru Emanuel kellhom ic-cwievet. Ic-cavetta giet mibdula ghal Lulju ta' 2022 u minn dak iz-zmien l' hawn ma kellhomx access mid-dar. Lil Lara, ommha u missierha gieli rahom jidhlu fid-dar.

Lil imputata ma ikkomunikawx maghha fuq ic-cwievet.

In kontro-ezami jirrispondi li meta nbidlet is-serrratura huwa kien xoghol. Jaf li inbiddlet ghax gharafha. Hu kellu cavetta imma taha lil pulizija. Qatt ma pprova jidhol wara.

Provi prodotti mid-difiza

**Lara Vella Ciantar**, l-imputata xehdet fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024. Mistoqsija sa fejn taf hi fejn huma c-cwievet tas-sinjuri Ciantar tirrispondi li sa fejn taf hi ghadhom fl-inkjesta.

In kontro-ezami tirrispondi li c-cwievet taghha qeghedin id-dar. Ic-cwievet taghha hadd ma talabhomlha. Meta miet ir-ragel hija kienet imsiefra. Hija dahlet gol-post bl-awtorizazzjoni tal-pulizija.

Mistoqsija jekk bidlitx is-serratura tirrispondi li iva. Ic-cavetta bidlilha ghaliex ic-cavetta taghha kienet ilha fl-inkjesta u ma tafx f' id min marret u hi ghandha l-affarijiet taghha d-dar ma tar-ragel u bidlitha ghal finijiet ta' sigurta.

Hija ghamlet hames xhur qabel miet ir-ragel mhux fid-dar.

Ma kienitx infurmata li Emanuel Ciantar qed jghix fil-fond.

Is-serratura bidlilha bil-permess tal-avukat taghha ta' dak iz-zmien.

Ikkunsidrat

Il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Warren Abraham SCICLUNA, deciza fit-22 ta' Gunju, 2022 (Appell numru 346/2022) fl-liema kaz l-imputat kien gie akkuzat taht l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 u ukoll taht akkuza taht Kap 254 sec 62(h) bhal kaz in ezami.

F' din is-sentenza il-Qorti tal-Appell irriteniet li

> " 32. L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew ukoll ritenuti, bħala li huma s-segwenti:[1]
>
> > a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;

[1] Ara fost oħrajn, Il-Pulizija vs. Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ġunju 2014, Il-Pulizija vs. Mario Bezzina deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2004, Il Pulizija vs. Michael Lungaro deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Mejju 2003 u Il-Pulizija vs. Eileen Said deċiża nhar id-19 ta' Ġunju 2002 ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;

c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l process legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;[2]

Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.

Ikkunsidrat

Illi fl-isfond tal-kaz hemm tragedja familjari, fejn iben il-kwerelanti Daniel Ciantar gie nieqes u nftehet inkjesta magisterjali. L-imputata hija l-mara tal-mejjet Daniel Ciantar, l-imputata u l-mejjet kellhom xi problemi matrimonjali u l-imputata kienet telqet mid-dar xi hames xhur qabel ma gie nieqes.

Il-kwerelanta Jane Ciantar permezz ta' kuntratt datat 22 ta' April 2014 pubblikat fl-atti tan-nutar Dr Antonella Navarro fejn Giovanna sive Jane Ciantar kienet tat donazzjoni lil Daniel Ciantar ta' 1/3 indiviz ta' dar 12, Emma, Trejqet ir-Rumanzieri, Iklin u fl-istess kuntratt irriservat a favur taghha d-dritt ta' uzu u t' uzufrutt u / jew dirtt ta' abitazzjoni favuriha u favur zewgha Emanuel Ciantar li jistghu jolqtu l-istess propjeta' transferita fuq dan l-att. Dan il-kuntratt huwa ezebit. Jihder li l-imputata u l-mejjet kienu xtraw bejniethom il-2/3 indivizi tal-propjeta' li l-kwerelanti qed jghidu li gew spoljati minnha.

Illi l-kompetenza tal-Qorti hija dik li tiddeciedi jekk l-imputata hijiex hatja taht l-art. 85 (1) u jekk l-elementi jezistux. L-akkuza trid tigi pprovata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Il-Qorti ma hijiex ser tiddeciedi fuq id-drittijiet civili tal-kwerelanti li jibqghu inpregudikati. .

Mix-xhieda jirrizulta li wara li l-imputata telqet mid-dar Emanuel Ciantar kien qed imur jorqod fid-dar ma ibnu u li kellu cavetta. Skont kif xehed hu stess *"Ghax jien kont qieghed meta t-tifel*

---

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

*spicca wahdu minn Mejju sa Ottubru, jiena kont immur norqod mieghu filghaxija biex ma nhalluhx wahdu."* L-iskop ta' Emanuel Ciantar li jidhol fid-dar kien li jassisti lil ibnu Daniel.

Meta Daniel Ciantar gie nieqes Emanuel Ciantar, Jane Ciantar u Jonathan Ciantar taw ic-cwievet lil pulizija u gew depozitati fl-atti tal-inkjesta. Ic-cwievet li huma taw qatt ma gew ritornati lilhom.

Fix-xhieda taghha l-imputata xehedet li hija dejjem zammet ic-cavetta taghha u ammettiet li bidlet is-serratura minghajr ma tat data ta' meta ghamlet dan u hadd mill-kwerelanti ma setgha jghid id-data ta' meta inbiddlet is-serratura.

Illi l-Qorti ikkunsidrat bir-reqqa dak l-provi a dispozizzjoni taghha u qed tikkunusidra li l-kwerelanti ma kellhomx il-pussess tal-fond u li l-elementi rikjesti a tenur tal-art. 85(1) ma jissussistux.

Decide

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti wara li rat Rat l-artikoli 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputata **Lara Vella Ciantar** mhux hatja tal-imputazzjoni dedotti kontra taghha u qed tillibera minn kull htija u piena b' dan li d-drittijiet civili tal-kwerelanti jibqghu impregudikati.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**